MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Dicembru, 2011

Numru 496/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs**

**Ali Mohammed Mohammed**

Illum, 25 ta' Dicembru 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontrra Ali Mohammed Mohammed, ta' 30 sena, bin Mohammed u Fozia, imwieled l-Iraq fit-22 ta' Jannar 1981, li m'ghandux indirizz fis, detentur ta' licenzja tas-sewqan Iraqqina b'numru G42775237.

Akkuzata talli f' dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' Dicemnbru 2011 u fix-xhur ta' qabel, f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata f'l-ewwel skeda ta'l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi meta ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta'l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta'l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta'l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali mghoti ai termini ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat it-taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti tal-GN 292 tas-sena 1939.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat it-taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti tal-GN

292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna li a karigu  tar-Registratur ta’ din il-Qorti tigi destrutta d-droga esebieta bhala Dokumenti JB4.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------